SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNAX (KONTINWAZZJONI)**

**19 ta' Lulju, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Rita Saliba, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻATI**

Is-Sindku Joseph Agius, l-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

## 12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.1.1 Il-Kunsill qabel li jiddiskuti issa l-punti li joħorġu mill-minuti approvati fis-seduta preċedenti.

12.1.2 Fir-rigward tal-kwistjoni mal-MEPA, l-Kunsill kien infurmat li saret laqgħa fit-13 ta' Lulju ma' rappreżentanti tal-Kumitat il-ġdid tal-UIF, fejn dawn l-istess rappreżentanti ndikaw li l-interventi żgħar li hemm bżonn isiru sabiex il-konkos jiġi jaqbel mal-wiċċ tar-*rubberflooring* kif ukoll li se jingħata *part payment* lil Kunsill, fejn kien hemm qbil li jitħaffef kemm jista' l-proċess sabiex jiġi magħluq il-każ.

12.1.3 Kien hemm qbil li jiġu ċirkolati lill-Membri tal-Kunsill l-applikazzjoni tiegħu għal attivitajiet sottomessi għal fondi taħt l-Iskema Lokalitajiet Indaf.

12.1.4 Il-Kunsill kien infurmat li wara intervent li għamlet il-Kunsillier Marica Bayliss dwar ittra li saret mill-Kunsill sabiex issir *culvert* fi Triq San Ġiljan, filwaqt li din ma setatx tkun inkluża fin-*National Flood Relief*, il-Ministeru responsabbli se jkun qed jagħmel mill-aħjar biex din il-problema tingħeleb.

12.1.5 Kien hemm qbil li l-Membri tal-Kunsill jgħaddu lis-Segretarju Eżekuttiv lista ta' toroq li jafu bihom fejn iżomm l-ilma tax-xita sabiex jiġu mgħoddija lil Perit tal-Kunsill sabiex iħejji rapport u jagħti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwarhom.

12.1.6 Fir-rigward ta' *item* 11.5.2, il-Viċi Sindku kkonferma li s-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jippreżenta rapport dwar l-infiq tal-*petty cash* mal-ewwel opportunita' li jkollu.

12.1.7 Fir-rigward ta' *item* 11.5.3 kien innotat li qed issir manutenzjoni tal-vann iżda mhux tal-periklu li għandu fis-sewqan u għalhekk kien deċiż unanimament illi wara li jiġi meqjus x'jgħid il-kuntratt, jekk dan ma jissewiex fl-immedjat il-Kunsill jieħu hu l-vann għat-tiswija a spejjeż tal-kuntrattur.

## 12.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

12.2.1 Il-Viċi Sindku esprima d-diżappunt tiegħu li l-kamra tas-seduta tal-Kunsill trid tkun verament *boardroom* u mhux fl-istat li tinsab fih u għalhekk ġie deċiż li kull materjal relatat mal-attivitajiet jitneħħa minnha.

12.2.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jiġi nkarigat iħejji *cost benefit analysis* dwar l-iżvilupp tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, billi jkun mibni mill-ġdid.

12.2.3 Il-Kunsill approva d-distribuzzjoni tal-applikazzjonijiet relatati mal-iskema *Life Long Learning*, inkluż l-ispiża relatata.

12.2.4 Il-Kunsill qabel, li bil-kontribut tal-Viċi Sindku, jkun inkarigat Inġinier sabiex jipprepara l-applikazzjoni tal-Kunsill relatata mal-iskema għal energija nadifa 2010 peress li l-applikazzjoni preliminari tiegħu kienet approvata mid-Dipartiment.

12.2.5 F'dan l-istadju tal-laqgħa kien hemm qbil li l-Kunsilliera jkunu mgħarrfa bl-applikazzjonijiet tal-Kunsill għal ko-finanzjament ta' proġetti mill-Unjoni Ewropeja.

12.2.6 Il-Kunsill kien infurmat li tliet skemi lokali li applika għalihom ma ngħatax fondi, nkluż dik tar-restawr ta' postijiet storiċi, fejn kien deċiż li tiġi mibgħuta ittra lid-Dipartiment x'wassal sabiex kontra t-termini ta' referenza ingħataw biss fondi lil dawk il-Kunsilli li applikaw għar-restawr ta' niċeċ.

12.2.7 Il-Kunsillier David Dalli daħal għal laqgħa f'dan l-istadju. (6.10pm)

12.2.8 Il-Viċi Sindku semma li se jkun qed jevalwa l-metodi tal-kommunikazzjoni bejn u fil-Kunsill sabiex jara kif dawn jistgħu ikunu jiġu mtejba.

12.2.9 Il-Viċi Sindku ressaq petizzjoni dwar *bring in site* fi Triq Giorgio Preca, fejn kien deċiż li din tiġi ri allokata għal post ieħor kif ukoll li jitneħħew l-ammont ta' skips ħodor li huma iktar mill-kuntratt kif ukoll li ssir laqgħa mal-kuntrattur responsabbli fejn jiġi diskuss miegħu l-ammont ta' skips ħodor żejda u jiġi deċiż liema se jitnaqqsu, liema laqgħa għandhom jiġu avżati biha l-Kunsillieri kollha. **"Il-Viċi Sindku talab lil Kunsillier Marica Bayliss biex tagħmel dan."**

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.2.10 Dwar petizzjoni mressqa fir-rigward ta' *timed parking* fi Triq Ċiklamini jiġu nfurmati *Transport Malta* wara rapport li jsir skond ma jitlob l-avviż legali relevanti u li għal dan il-għan għandha tinġieb kwotazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill.

12.2.11 **"Fuq proposta tal-Kunsillier Joan Farrugia ssekondata mill-Viċi Sindku,"** dwar petizzjoni għat-tqegħid ta' skip fi Triq Żnuber kien hemm qbil li tigi riallokata skip f'din it-triq minn Triq ir-Rummien.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.2.12 Fir-rigward ta' petizzjoni dwar talba ta' *timed parking* fi Triq in-Narċis għandha tinbagħat ittra lir-residenti għalfejn ma jkunx fl-interess tagħhom li din issir.

12.2.13 Fir-rigward ta’ petizzjoni li titratta t-tkeċċija ta’ mpjegat minn ma’ kuntrattur tal-Kunsill kien deċiz li din mhix fil-kompetenza **“~~tiegħu~~” “tal-Kunsill”** u għalhekk ma jidholx fiha.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.2.14 Il-Kunsill kien infurmat li l-fond ta’ San Ġwann bħalissa jlaħħaq għal €109,000 u kien deċiż li l-Kunsilliera jkunu mitluba jagħtu l-ħsibijiet tagħhom sabiex issir applikazzjoni bi proġetti relatati taħt dan il-fond.

12.2.15 Fir-rigward tal-proposta ta’ *Transport Malta* sabiex ikunu huma li jirranġaw l-istat ta’ Triq il-Pellikan fir-rigward ta’ xogħlijiet imwettqa mill-Kunsill u li kien għadhom ma bagħtux stima ta’ dan, fejn kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-Ministeru relatat max-xogħlijiet pubbliċi u wara ma’ *Transport Malta*.

## 12.3 Bidu ta’ Ħidma mill-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara

12.3.1 Il-Kunsill innota li se tibda l-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara mill-1 ta’ Lulju, 2010 fejn innota l-istedina tiegħu għal preżenza tal-Membri fis-seduta preċedenti.

## 12.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Amministrattiv għas-sena 2009 (Apr-Diċ, 2009)

12.4.1 Il-Kunsill unanimament approva li dan l-*item* jiġi diskuss f’laqgħa *ad hoc*.

## 12.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-sena 2010

12.5.1 Il-Kunsill unanimament approva li dan l-*item* jiġi diskuss f’laqgħa *ad hoc*.

## 12.6 Ittra ta’ Direzzjoni tal-Awdituri Lokali u r-Risposta tal-Kunsill għas-sena 2009 (Apr-Diċ, 2009)

12.6.1 Il-Kunsill unanimament approva li dan l-*item* jiġi diskuss f’laqgħa *ad hoc*.

## 12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Tiġdied tal-Kuntratti tal-Latrina Pubblika u Knis tat-Toroq

12.7.1 Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar it-tiġdied taż-żewġ kuntratti, fejn kien analiżżat li għandu jkun hemm iktar attenzjoni fejn ikun hemm programm ta’ xogħol ta’ kull jum u rendikont tax-xogħol li jkun sar.

12.7.2 Kien imsemmi wkoll li hemm il-ħtieġa li jkun hemm iktar aderenza mal-kuntratt fir-rigward tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin fit-toroq u li dan għandu jsir mal-knis.

12.7.3 Il-Kunsill unanimament qabel li filwaqt li l-*Contracts Manager* qiegħed iwettaq ix-xogħol tiegħu hemm il-ħtieġa li jibda jsir tali rapport minnu u l-kuntrattur li jkunu juri biċ-ċar il-programm tax-xogħlijiet ta' kull ġurnata kif ukoll ir-rendikont ta' xogħlijiet li jkunu twettqu kull jum inkluż xi varjazzjonijiet li jistgħu iseħħu minħabba l-esigenzi tal-Kunsill.

12.7.4 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni :

12.7.5 "*Il-Kunsill jaqbel li jġedded għal perjodu ta' tnax-il xahar il-kuntratt tal-Latrina Pubblika kif ukoll dak tal-Knis tat-Toroq.*"

12.7.6 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku u approvata unanimament.

12.7.7 Saret referenza għad-diversi *notice boards* li hawn madwar il-lokalita' fejn kien hemm qbil li ssir tindifa u li titneħħa kull informazzjoni mhux rilevanti minnhom u li dan jibqa' jsir fuq bażi regolari.

12.7.8 Fis-7.20pm, il-laqgħa kienet sospiża għal ħames minuti.

12.7.9 Il-laqgħa kompliet fis-7.25pm.

## 12.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Rapporti tal-*Contracts Manager*

12.8.1 Kienu ppreżentati r-rapporti tal-*Contracts Manager* li jinsabu anessi bhala dokumenti "12D" sa "12S" ma' dawn il-minuti.

12.8.2 Kienu msemmija diversi problemi dwar il-ġbir tal-iskart bieb b'bieb, partikolarment fit-Triq tal-Prepostu, Triq iż-Żnuber, u Triq Massabielle fejn ma rriżultax li f'din tal-aħħar kien hemm xi ħmieġ.

12.8.3 Sar aċċenn għal diversi lmenti li jsiru direttament **"~~lil~~" "minn"** Kunsillieri u li wara verifikazzjoni ma jirriżultax li jkunu minnu.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

12.8.4 Dwar Triq San Ġwann tal-Għargħar, il-Kunsill innota li filwaqt li skip zgħira tneħħiet, ma kienx qed jitneħħew il-boroż tal-iskart ta' kull jum.

12.8.5 Saret referenza għal artikoli li dehru dwar l-indafa f'San Ġwann, fejn il-Kunsill qabel li għandha tiġi mibgħuta risposta għalihom, liema risposta tkun approvata mill-Kunsill.

12.8.6 Il-Kunsill approva kwotazzjoni mingħand *Twish Co Ltd* ta' €300 sabiex issir manutenzjoni tal-bandli fi Ġnien Karen Grech.

12.8.7 Fis-7.30pm, il-Viċi Sindku aġġorna s-seduta għal nhar il-Ħamis 22 ta' Lulju, 2010, fil-5.30pm.

Konfermati, illum **1 ta' Novembru** ~~Awissu~~, 2010

| | |
|---|---|
| ~~Joseph Agius~~ **David Dalli *** | Adrian Mifsud |
| ~~Sindku~~ **Viċi Sindku** | Segretarju Eżekuttiv |

*(peress li s-Sindku kien skużat fil-laqgħa nr. 14 (kont. 1) tal-1 ta' Novembru, 2010